5 t'ijiem

# Panoramic North Italy
# *& The Bernina Express*

**Gruppi**

A* 04 – 08 ta' Marzu
B* 03 -07 t' April (Easter Holidays)
Ċ* 03 -07 ta' Ġunju
D* 24 – 28 ta' Ġunju
E* 15 – 19 ta' Lulju
F* 02 – 06 Settembru
Ġ* 16 – 20 ta' Settembru
Ħ* 28 t'Ottubru sa 01 ta' Novembru

**Sondrio,Tirano, St. Moritz, Livigno, Bormio, Lago d'Iseo, Lovere, Monte Isola, Bellano, Lecco**

### L-Ewwel Jum

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-10.30 għat-titjira KM624, tluq fis-12.45. Naslu l-ajruport ta' Milan fit-14.45. Transfer bil-kowċ lejn **Sondrio** - belt fil-qalba tal-wied ta' **Valtellina** imdawra bil-muntanji ta' l-Alpi. Check in fil - **Gran Hotel Della Posta** – lukanda 4 Star li tinsab fiċ-ċentru tal-belt.

### It-Tieni Jum

Breakfast u wara vjaġġ qasir lejn il-belt ta' **Tirano** fejn min hawn ser naqbdu il-ferrovija (extra) turistika **'Bernina Express'**. Vjaġġ ta' ftit aktar minn sagħtejn ser iwassalna **St Moritz** ġo lis -Svizzera b'xenarju mpressjonanti ta'muntanji, lagi u glaċieri qalb il-pajsaġġi Alpini. Bla dubju din se tkun esperjenza li mhux ser tinsa qatt!. Meta naslu St Moritz ikollna ħin biżżejjed biex ngawdu din il-belt lussuża u wara nirritornaw Sondrio.

### It-Tieni Jum (applikabli għal Grupp B)

Breakfast u wara nibdew il-vjaġġ tagħna bil-coach lejn **St Moritz ġo lis-Svizzera.** Din ir-rotta tgħaddi mill-**Bernina Pass (2,328m)** – waħda mill-ogħla toroq asfaltati fl-Ewropa miftuħa għat-traffiku - fost xenarju mpressjonanti ta'muntanji, mergħat, lagi u glacieri qalb il-pajsaggi alpini. Bla dubju din se tkun esperjenza indimentikabbli! Meta naslu St Moritz ikollna ħin biżżejjed biex ngawdu din il-belt lussuża u wara nirritornaw Sondrio.

### It-Tielet Jum

Breakfast u tluq lejn **Livigno**. Meta naslu nagħmlu dawra ma' dan ir-rizort biex nammiraw il-ġmiel u xenarju mill-isbaħ. Hawn ikollna l-opportunita li bil-cable car (extra) naslu sal-quċċata tal-**muntanja Carosello** għal- veduta spettakulari. Livigno hi zona duty free u għalhekk wieħed ikollu l-opportunita' li jixtri ċertu oġġetti bi prezzijiet vantaġġjużi fil- ħin liberu. Wara nkomplu lejn villaġġ alpin mill-isbaħ **'Bormio'** fejn nagħmlu dawra fiċ-ċentru medjevali b'toroq dojoq u ħwienet żgħar. Ħin liberu u wara nirritornaw il- hotel.

### Ir-Raba' Jum

Illum ser inżuru **Lago D'Iseo** li hu r-raba' l-akbar lag fil-Lombardija. L-ewwel waqfa tkun **Lovere** fejn wieħed jista' jagħmel mixja mal-lag u jitpaxxa bil-ġmiel tal-muntanji u tal-lag. Illum ikun hemm is-suq fejn hawn issibu wkoll affarijiet tipiċi tar-reġjun. Wara mmorru Sulzano fejn ikollna l-opportunita li naqbdu boat (extra) biex immorru fuq il- gżira **'Monte Isola'** - vjaġġ ta' 5 minuti li jwassalna '**Peschiera di Maraglio' (fishing village).** Jkollna ħin biex ingawdu dan il villaġġ magħmul minn ċentru urban żgħir, sqaqien, toroq dojoq, arkati, turġien u djar ċkejkna. Hawn ma tonqosx xi ikla ħut tajba!





### Il-Ħames Jum
Wara l-breakfast eskursjoni mill-isbaħ. L-ewwel waqfa tagħna se tkun **Bellano** li qiegħed fuq ix-xatt tal-lag Como. Fil-parti qadima ta din il-belt insibu spettaklu tan-natura '**Bellano Gorge'** (extra) b' kaskati b'ilma neżlin mal-hitan għoljin tal-blat. Jkollna ħin biżżejjed biex nimxu mal-passaġġi u ngawdu ġmiel in-natura. Wara nkomplu lejn **Lecco**, villaġġ ieħor sabiħ mal-**'Lake Como'**. Jkollna ħin liberu u passiġġata mal-lag mhux ta'min jitlifa. Nkomplu l- vjaġġ tagħna lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM627 li titlaq minn Milan fid-20:45 u naslu lura Malta fl-22:35.

### Il-Ħames Jum (**applikabli għall-Gruppi A,B u H)**
Wara l-breakfast tluq lejn **Lecco**, villaġġ sabiħ mal-**'Lake Como'**. Jkollna ħin liberu u passiġġata mal-lag mhux ta'min jitlifa. Nkomplu l- vjaġġ tagħna lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM625 li titlaq minn Milan fit-15.15 u naslu lura Malta fil-17.15.

**Prezz Kull Persuna**
**Eskursjonijiet u Taxxi inklużi**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tliet persuni | €880 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €880 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1'020 |
| Tfal sa ħdax -il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €770 |
| Suppliment gruppi E & F | €40 |

**Prezz kull persuna jinkludi:**

Titjira mal- KM Malta Air għal Milan
20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
4 iljieli - Gran Hotel Della Posta 4 Stars fiċ-ċentru ta'Sondrio
Buffet Breakfast kuljum.
Taxxi ta' l-ajruport
Tour-leader
Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
City Tax
Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom . F'kaz li għal xi raguni jew oħra cable car ma jaħdimx, noffru alternattiva b'xenarji mill isbaħ.

